
¡AWC!


DAK X'KIEN?!
AREMM!

KEMM SE NDUMU?

HANINA BANDIERA!

PARAFANGU

# KAPITLU I

## Dan mhux l-ewwel kapitlu

Ma nafx kemm-il daqqa tawh il-bieb biex faqgħuh. Għoxrin? Tletin? Erbgħin forsi? Fl-aħħar faqgħuh. Issuttawh 'il ġewwa u għamel **Xbubummm!!**

It-tfal kienu rrabjati waħda nobis. Qatt ma rajt tfal irrabjati daqshekk. Kienu rrabjati iktar minn dik id-darba li attakkaw lil Saver bit-tadam u l-bajd. Kienu qishom tfal oħra. Minn xi belt oħra jew minn rumanz ieħor; rumanz minn dawk bla gost, rumanz li fih karattri fjakki u li ma jkunu tajbin għal xejn, rumanz bi plott bla sens. Daħlu ġewwa u bdew iqallbu u jkissru kulma jsibu. Jagħtu bid-daqqiet ta' sieq lill-ħajt, jixxuttjaw is-siġġijiet 'l hawn u 'l hemm … joftqu l-imħaded, jiftħu

l-bibien tal-kabords, tal-friġġ, jarmu kollox minn ġo fihom għal mal-art, iħażżu mal-ħitan il-kliem

SAVER SE NAQBDUK U NAGĦMLUK PULPETTA!

Mela ġib quddiem għajnejk xi ħamsin tifel u tifla f'kamra waħda forma ta' kaxxa. Kompli aħseb ftit ieħor fid-dar ta' Saver u l-kaxxa fuq kaxxa fuq kaxxa … kull kaxxa fuq oħra b'xi ħamsin tifel u tifla fiha … kollha jkissru u jfarrku dak kollu li jiġi għal idejhom, qishom b'xi vendikazzjoni kbira. Qishom kollha ħarġu minn xi film tal-qamel u qed jiħduha kontra l-kittieb u d-direttur li tahom parti daqshekk taċ-ċajt, jew inkella qishom ħarġu minn xi ħmar il-lejl.

Li kieku kellhom jidħlu l-investigaturi biex jeżaminaw jekk il-kmamar kienx qed jgħix fihom Saver De Molizz, lanqas kien jirnexxilhom, għax l-evidenza tbagħbset u tħarbtet. It-tfal attakkaw kull rokna u kull toqba u kull tentuxa mingħajr

ma libsu l-ingwanti, mingħajr ma ħadu ritratti, mingħajr ma taw kas ebda *regola tad-deheb.*[1]

It-tewmin ma ddispjaċihomx li għal darba ma segwewx ir-regoli. Lanqas sħabhom Mark, Hugh u Martina. Xejn affattu ma ddispjaċiehom. Anzi, biex inkun għedtlek kollox, kienu xebgħu jsegwu regoli fuq regoli u joqogħdu d-dar jistennew, maqfulin u ma jistgħux joħorġu, ma jistgħux iwettqu l-pjanijiet tagħhom … u dan kollu għax għadhom tfal. Allura ħadu r-riedni f'idejhom.

Imma se niddeludik u mhux se nkompli ngħidlek fuq **it-tifrik** u **t-tkissir** u l-ksur ta' regoli. Għax dan mhux l-ewwel kapitlu u allura se nieqaf hawn. Ma jistax ikun ngħidlek kollox minn issa. Apparti hekk, lanqas jien għadni ma naf eżatt x'se jiġri lejn l-aħħar, għax kulma naħseb dejjem jispiċċa jinbidel u ħsibijieti jibdlu mitt elf sura sa ma nitfagħhom fi ktieb.

Se nibda mill-bidu. U dan mhux il-bidu. Il-bidu jibda mix-xejn. U għalhekk, jekk tippermettili se nibda bil-kelma: XEJN.



1. Jekk insejt x'inhuma r-Regoli tad-Deheb, ara *U (llum) jispiċċa l-każ tal-Aħwa De Molizz* pġ. 112 u 113.